**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Francis Sultana)**
**U**

**(Spettur John Spiteri)**

**Vs**

**Marian Andrisca**
**Ionut Diaconu**
**Marius Gabriel Diaconu**
**Florin Lepadatu**

Illum 5 ta' Gunju, 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Marian Andrisca ta' 31 sena bin Andrei u Antea nee' Sterpu, imwieled gewwa r-Romania nhar is-17 ta' Marzu 1984, bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Rumena bin-numru XC769006; Ionut Diaconu ta' 37 sena bin Florin u Viorica, imwieled gewwa r-Romania nhar il-10 ta' Awwissu 1977, bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Rumena bin-numru RD800834; Marius Gabriel Diaconu ta' 37 sena bin Florin u Viorica, imwieled gewwa r-Romania nhar il-10 ta' Awwissu 1977, bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Rumena bin-numru RR377492; u Florin Lepadatu ta' 36 sena bin Stephan u Maria nee' Dragan, imwieled gewwa r-Romania nhar it-18 ta' Mejju 1979, bla indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita' Rumena bin-numru IF422437

Talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-2 ta' Gunju, 2015 ghall-habta ta' 16:30, u fil-granet ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet

differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda gewwa dawn il-Gzejjer:

1. bl-imgieba taghhom segwew lil Mohan Bharwani bil-mohbi u kkagunaw lill-istess Mohan Bharwani alarm jew dwejjaq li jkollu effett avers sostanzjali fuq l-attivitajiet normali ta' kuljum ta' Mohan Bharwani u dan bi ksur tal-artikolu 251BA(a)(ii) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. bl-imgieba taghhom ikkagunaw f'Mohan Bharwani biza' li se tintuza' vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa, subien jew bniet meta kienu jafu jew imisshom kienu jafu li l-imgieba taghhom se tikkaguna lil Mohan Bharwani biza' u dan bi ksur tal-artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, heddew li jaghmlu reat u jew bil-hsieb li jiehdu xi flus jew xi haga ohra, jew biex jaghmlu xi gwadann, jew bil-hsieb li jgieghlu lil haddiehor biex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga, heddew li jakkuzaw jew li jaghmlu ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna ohra u jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel ingurji jew theddid lil Mohan Bharwani mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 339(e) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi tordna lill-imputati sabiex ihallsu l-ispejjez li ghandhom

x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputati milli javvicinaw lil Christine Carolyn Bharwani, Neeraj Daniel Bharwani, Hannah Bharwani, Vinay Sebastian Bharwani u Mohan Bharwani u r-residenza taghhom kif ukoll il-post li tali persuni jiffrekwentaw.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ma kellhomx oggezjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw l-posizzjoni taghhom.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghdin jinstabu hatja l-imputati, ic-cirkostanzi tal-kaz, l-ammissjoni fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta taghhom.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 251BA(a)(ii), 251B(1), 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront

taghhom tikkundanna lil kull wiehed minnhom sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin u inoltre' tikkundanna lil kull wiehed minnhom ghal hlas ta' multa ta' hames mitt euro (€500) li ghandhom jithallsu fi zmien tlett (3) ijiem millum, altrimenti jkunu konvertibbli fi prigunerija.

U biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Christine Carolyn Bharwani, Neeraj Daniel Bharwani, Hannah Bharwani, Vinay Sebastian Bharwani u Mohan Bharwani u familjari taghhom b'applikazzjoni ta' l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet il-Qorti qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati bil-projbizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza u dan ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas ta' esperti billi ma jirrizultax li kien hemm involuti tali hlas.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommettu reat iehor fi zmien operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat